# Dokument ta’ Pożizzjoni tal-Pjattaforma tal-Impatt Soċjetali tal-Uġigħ (SIP) dwar il - Il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard Il-11-il Reviżjoni (ICD-11)

*2023*

## Rakkomandazzjonijiet ewlenin

L-SIP jitlob lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE u dawk fuq livell nazzjonali sabiex:

1. Tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-ICD-11, li tiffaċilita r-reġistrazzjoni u r-rappurtar ta’ dijanjożi tal-uġigħ u tippermetti ftehim internazzjonali dwar l-użu ta’ għodod standardizzati. Dan jikkontribwixxi għall-iżvilupp u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, li huma komplementari u jistgħu jappoġġaw lil xulxin, u li se jiżgura li l-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-pazjenti jkunu mħarsa kif xieraq.
2. Jiġi żgurat li l-interoperabilità semantika tiġi kkunsidrata fl-ICD-11 u s-sistemi l-oħra ta’ informazzjoni dwar is-saħħa biex jippermettu li tinqasam d-dejta dwar is-saħħa mingħajr xkiel u kodifikazzjoni standardizzata ta’ sintomi u dijanjosi.
3. Jirrikonoxxu l-impatt tal-uġigħ fuq is-soċjetajiet u fuq il-pazjenti, u jżidu l-prijorità li tingħata lill-uġigħ fi ħdan is-sistemi tal-kura tas-saħħa, il-finanzjament, u t-tfassil tal-politika.
4. L-uġigħ bħala indikatur ta’ kwalità: jiġu żviluppati strumenti li jevalwaw l-impatt tal-uġigħ.
5. Riċerka dwar l-uġigħ: jiżdied l-investiment fir-riċerka dwar l-impatt tal-uġigħ fuq is-soċjetà.
6. L-uġigħ fl-ambjent tax-xogħol: jibdew politiki li jindirizzaw l-impatt tal-uġigħ fuq l-impjiegi u l-produttività tax-xogħol u jinkludu l-uġigħ f’inizjattivi eżistenti rilevanti.
7. Edukazzjoni dwar l-uġigħ:  tingħata prijorità lill-edukazzjoni dwar l-uġigħ għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, għal-pazjenti, għal dawk li jfasslu l-politika, u l-pubbliku ġenerali.

## Sfond

Fl-Ewropa[1] hemm madwar 740 miljun persuna[2], li l-biċċa l-kbira minnhom jesperjenzaw episodju ta’ uġigħ qawwi f’xi mument f’ ħajjithom. Għal madwar 20 fil-mija, dan l-uġigħ huwa wġigħ kroniku. Dan ifisser li, fil-preżent, 150 miljun persuna  madwar l-Ewropa qed jesperjenzaw uġigħ, bejn wieħed u ieħor daqs il-popolazzjoni ta’ Franza u l-Ġermanja flimkien. Din is-sitwazzjoni tkompli tmur għall-agħar minħabba sistemi ta’ inkonsistenzi fil-klassifikazzjoni tas-sintomi ta’ uġigħ kroniku, li kieku jaħdmu aħjar iwasslu li tinġabar dejta aktar preċiża.

Fl-2018, il-Pjattaforma tal-Impatt Soċjetali tal-Uġigħ (SIP), ippubblikat Dikjarazzjoni Konġunta[3] li tinkludi rakkomandazzjonijiet għal azzjoni u kollaborazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, u s-soċjeta ċivili biex jitnaqqas l-impatt tal-uġigħ fuq is-soċjeta’. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiffurmaw il -prinċipji ġenerali u ta’ gwida għas-SIP, u huma maqsuma f’erba’ kategoriji: indikaturi tas-saħħa, riċerka, impjiegi, u edukazzjoni.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-SIP titlob li jiġu esplorati opportunitajiet sabiex jiġu mtejba strumenti eżistenti li huma disponibbli biex jiddefinixxu, jistabbilixxu u/jew jużaw l-uġigħ bħala indikatur fil-valutazzjoni tal-kwalita’ tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, peress li dan se jikkontribwixxi għall-valutazzjoni u jintela l-vojtfid-dejta dwar l-impatt soċjetali tal-uġigħ [3].

L-inklużjoni tal-uġigħ bħala marda skont il-11-il reviżjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-11) hija żvilupp ewlieni, li daħal fis-seħħ fl-2022. Din se tiffaċilita r-reġistrazzjoni u r-rappurtar tad-dijanjożi tal-uġigħ f’format standardizzat. Fit-tweġiba tagħha għall- ‘*Health Data Space Roadmap*’[1] tal-Kummissjoni Ewropea, s-SIP appellat għall-implimentazzjoni tad-definizzjoni tal-ICD-11 ta’ uġigħ fis-sistemi kollha tal-kura

Il-Federazzjoni Ewropea tal-Uġigħ EFIC®, Rue de LONDRES - Londenstraat 18, B1050 Brussell. Nru tar-Reġistru tat-trasparenza. 3510244568-04
Il-Pjattaforma tal-Impatt Soċjetali tal-Uġigħ (SIP) hija sħubija ta’diversi partijiet ikkonċernati mmexxija mill- Federazzjoni Ewropea tal-Uġigħ (EFIC) u l-Pain Alliance Europe (PAE)., SIP għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar il-politiki dwar l-uġigħ u l-bidla tal-uġigħ. Il-qafas xjentifiku tal-pjattaforma SIP huwa taħt ir-responsabbilta’ tal-EFIC u d-direzzjoni strateġika tal-proġett hija definita miż-żewġ imsieħba. Il-kumpaniji farmaċewtiċi Grurnenthal GmbH u GSK huma l-isponsors ewlenin tal- Pjattaforma tal-Impatt Soċjetali tal-Uġigħ (SIP)

tas-saħħa, biex titjieb l-analiżi tal-sistemi tas-saħħa, u biex il-komunita' tar-riċerka tingħata dejta biex tiffaċilita aktar ir-riċerka klinika. Il-ħolqien ta' '*European Health Data Space'* se jiżgura l-użu xieraq, l-aċċess, u li d-dejta dwar is-saħħa tkun magħqsuma ma dawk konċernati għall-finijiet tal-provvista tal-kura tas-saħħa, u se jippermetti l-użu tad-dejta għar-riċerka, l-innovazzjoni, u t-tfassil tal-politika. Skont l-esperti f'dan il-qasam, l-ICD-11, il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Funzjonament, id-Diżabilita' u s-Saħħa (ICF) u l-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Interventi tas-Saħħa (ICHI), se jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni tal-kura tas-saħħa fil-kuntest tas-Suq Uniku Diġitali[6].

L-ICD-11 jiddefinixxi l-uġigħ kroniku (MG30) kif ġej: L-uġigħ huwa esperjenza sensorjali u emozzjonali mhux pjaċevoli assoċjata ma', jew tixbah lil dik assoċjata ma', ħsara attwali jew potenzjali f'xi parti tal-ġisem. Uġigħ kroniku huwa uġigħ li jippersisti jew rekorrenti ħal aktar minn 3 xhur. L-uġigħ kroniku huwa minħabba ħafna fatturi: dawk bijoloġiċi, psikoloġiċi u soċjali li jikkontribwixxu għas-sindromu tal-uġigħ.

Barra minn hekk, l-uġigħ kroniku (MG30) jinqassam f'kodiċi ta' klassifikazzjoni, li min-naħa tagħhom x'aktarx se jappoġġaw l-immaniġjar u l-kura tal-uġigħ:

- MG30.0 – Uġigħ Primarju Kroniku
- MG30.1 – Uġigħ Kroniku Relatat mal-Kanċer (ġdid għal ICD-11)
- MG30.2 – Uġigħ Kroniku wara operazzjoni u wara xi trawma (ġdid għal ICD-11)
- MG30.3 – Uġigħ Muskoloskeletali Sekondarju Kroniku
- MG30.4 – Uġigħ kroniku sekondarju tal-interni
- MG30.5 – Uġigħ Newropatiku Kroniku (ġdid għal ICD-1)
- MG30.6 – Uġigħ ta' Ras Sekondarju Kroniku jew Uġigħ Kroniku fil-Ħalq u l-Wiċċ

## 1. Reġistrazzjoni Diġitali u Valutazzjoni tal-Uġigħ

### L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) - Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD)

L-ICD hija għodda dijanjostika internazzjonali għall-epidemjoloġija, l-immaniġjar tas-saħħa, r-riċerka u raġunijiet kliniċi, kif ukoll l-istandard internazzjonali għar-rappurtar tal-mard u l-problemi tas-saħħa, li ġie żviluppat mid-WHO. L-ICD tista' tintuża biex jiġu rreġistrati l-kundizzjonijiet individwali tas-saħħa, u biex tiġi ġġenerata u maqsuma dejta dwar dawn il-kundizzjonijiet għal diversi skopijiet, inkluż ir-riċerka, il-ħlas lura ta' spejjes marbuta ma servizzi tas-saħħa u l-ippjanar tal-politika.

### X' inhu l-uġigħ?

L-uġigħ huwa "esperjenza konxja sensorja u emozzjonali spjaċevoli assoċjata ma', jew li tixbaħ dik assoċjata ma' ħsara attwali jew potenzjali fit-tessuti ta' xi parti mill-ġisem.". Is-SIP tħares lejn l-uġigħ permezz tal-mudell ħolistiku "bijopsikosoċjali" ta' uġigħ, minħabba fatturi bijoloġiċi, psikoloġiċi, u soċjali. Dan il-mudell jirrappreżenta bidla mill-mod tradizzjonali ta' kif inħarsu lejnl-uġigħ (jiġifieri dawk li jiffokaw biss fuq l-aspetti bijoloġiċi tal-mard u t-trattament). Tiżgura li l-firxa sħiħa ta' fatturi li jaffettwaw il-mard u t-trattament (bijoloġiċi, psikoloġika, u soċjali) huma rikonoxxuti tul il-perjodu tal-mard, u jenfasizza l-importanza li jiġu rikonoxxuti diversi aspetti biex jitnaqqsu jew jiġu evitati diżabilitajiet li jistgħu jirriżultaw minn uġigħ[9].

## Uġigħ Akut u Kroniku

Uġigħ akut huwa uġigħ li jdum inqas minn tliet xhur[10], filwaqt li uġigħ li jippersisti għal aktar minn tliet xhur huwa ġeneralment klassifikati bħala uġigħ kroniku[11]. Il-proċess ta’ tranżizzjoni huwa magħruf bħala “kronifikazzjoni”. L-uġigħ kroniku huwa assoċjat ukoll ma’ distress emozzjonali sinifikanti, bħal rabja jew depressjoni, u/jew diżabbilta funzjonali sinifikanti, bħal dik li taffettwa b’mod negattiv l-attivitajiet ta’ kuljum, id-delizzji u l-parteċipazzjoni fi rwoli soċjali[12].

L-uġigħ kroniku, flimkien ma’ diversi tipi oħra ta’ uġigħ, huwa inkluż fil-11-il reviżjoni tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-11), kif riveduta f’Ġunju 2018. L-inklużjoni importanti hija d-dijanjożi ta’ Uġigħ Kroniku Primarju. L-ICD-11 jiddeskrivi l-uġigħ kroniku primarju bħala multifattorjali, li jixhed il-persistenza u t-tfixkil tiegħu, mingħajr ma’ jagħmel assunzzjonijiet dwar il-kawza tiegħu. Għalhekk, l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri kollha hija ta’ importanza vitali sabiex id-dejta dwar l-uġigħ kroniku ssir disponibbli b’mod standardizzat, hekk kif nimxu’ l quddiem għal sistemi ta’ kura tas-saħħa aktar diġitalizzati[3].

Il-11-il-verzjoni tal-ICD hija aktar indipendenti mil-lingwa u l-kultura tal-pajjiz mill-predeċessuri tagħha, kif ukoll hija aktar klinikament rilevanti u xjentifikament aġġornata, li ġġib aktar dettall mill-verżjoni preċedenti (ICD-10). It-terminoloġija u l-klassifikazzjoni ġew integrati fi struttura waħda. L-ICD-11 tippermetti r-reġistrazzjoni, l-analiżi, l-interpretazzjoni u t-tqabbil sistematiċi tad-dejta dwar il-mortalità u l-morbidità miġbura f'pajjiżi jew reġjuni differenti fi żminijiet differenti[13]. Barra minn hekk, tiżgura l-interoperabbiltà semantika u l-użu mill-ġdid tad-dejta rreġistrata għall-użu differenti, fost oħrajn l-allokazzjoni tar-riżorsi, ir-rimborż, u l-linji gwida  għall-użu.

L-ICD-11, jekk tintuża flimkien mal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Interventi tas-Saħħa (ICHI) u l-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Funzjonament, id-Diżabilita’
u s-Saħħa (ICF), se twessa’ l-użu tar-reġistrazzjoni tad-dejta tal-pazjent. Barra minn hekk, il-kodiċijiet STEM għall-klassifikazzjoni jmorru lil hinn mid-dijanjożi, u jippermettu li jiġu rreġistrati u rikonoxxuti raġunijiet jew kawżi esterni. Il-kodiċijiet tal-estensjoni tat-terminoloġija jippermettu dettall akbar tas-sintomi tal-pazjenti u r-reġistrazzjoni tad-dejta.

F’termini tal-implimentazzjoni tal-ICD-11, l-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi u revizjoni tal-ekosistema tas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar is-Saħħa, sabiex jenfasizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet meta jimplimentaw l-ICD-11 fil-pajjiż tagħhom, kif ukoll biex jispeċifikaw u jwettqu proċess ta’ tranżizzjoni pass pass.

## 2. Għala għandna bżonn nimplimentaw l-ICD-11?

In-nuqqas ta’ reġistrazzjoni u rappurtar ta’ dijanjożi f’format standardizzat għandu konsegwenzi sinifikanti għal persuni li jgħixu b’uġigħ kroniku. Din taffettwa t-trattamenti tagħhom, il-ħajja tagħhom u l-parteċipazzjoni soċjali tagħhom fuq livell individwali. Fir-riċerka, in-nuqqas ta’ klassifikazzjoni sistematika tgħamilha impossibbli wkoll li tinġabar dejta epidemjoloġika preċiża fl-livell globali, li tħalli impatt fuq id-deċiżjonijiet  ta’ dawk li jfasslu l-politika u li l-jfasslu l-politika tas-servizzi tas-saħħa u , servizzi u interventi xierqa għal dawk li jeħtiġuhom. Fil-politika tas-saħħa pubblika, li tirċievi informazzjoni u dejta preċiża u f’waqthom dwar spejjeż, trattamenti u l-impatt soċjetali ta’ kundizzjonijiet ta’ tbatija huma ta’ importanza kbira sabiex jiġu mfassla politika u kampanji tas-saħħa pubblika[13].

Barra minn hekk, l-ICD-11 tintegra l-proċess ta’ kodifikazzjoni fir-rekords elettroniċi tas-saħħa b’mod ħafna aktar effiċjenti jekk imqabbel ma’ verżjonijiet preċedenti. Il-verżjoni attwali tal-ICD-11 fiha aktar minn 16,000 kodiċi uniċi għall-mard, korrimenti u kawżi tal-mewt, b’aktar minn 120,000 terminu kodibbli, u għall-ewwel darba, hija totalment electronika[13].

L-uġigħ primarju kroniku (chronic primary pain, CPP) huwa terminu li ġie implimentat fl-aħħar reviżjoni tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-11). Huwa ddefinit bħala wġigħ f’parti anatomika waħda jew aktar, li huwa kkaratterizzat minn distress emozzjonali sinifikanti (anzjeta’, rabja/frustrazzjoni jew dipressjoni) jew diżabbilta’ funzjonali (xkiel fl-attivitajiet tal-ħajja ta’ kuljum u parteċipazzjoni mnaqqsa fir-rwoli soċjali), sakemm dijanjożi oħra ma tagħtix kont aħjar tas-sintomi preżenti.

Għalhekk, f'kas bħal dan, l-uġigħ kroniku huwa l-problema klinika dominanti u huwa meqjus bħala kundizzjoni fih innifsu. Qabel ma tkun tista' ssir dijanjożi ta' uġigħ primarju kroniku, id-dijanjożi li tista' tispjega dan l-uġigħ jeħtieġ li tiġi eskluża permezz ta' valutazzjoni xierqa. Jekk l-uġigħ jista' jiġi kkunsidrat minn dijanjożi oħra, dan se jiġi kkategorizzat bħala forma ta' uġigħ sekondarju kroniku li jinkludi uġigħ kroniku tal-kanċer, uġigħ wara operazzjoni jew waratrawma , uġigħ newropatiku kroniku, uġigħ ta' ras sekondarju kroniku jew uġigħ kroniku fil-ħalq u l-wiċċ, uġigħ sekondarju kroniku tal-intern, u uġigħ muskoloskeletali sekondarju kroniku.

Barra minn hekk, il-kodiċijiet ta' estensjoni se jtejbu l-immanġjar tal-uġigħ peress li mbagħad se jkun parti mill-kodiċi dijanjostiku, li min-naħa tiegħu se jinforma lil minn jiprovdi s-servizzi tas-saħħa, se jippermetti l-monitoraġġ tal-uġigħ maż-żmien u t-trattamenti. Se jistimula diskussjonijiet bejn minn jiprovdi s-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-pazjent, peress li l-professjonist li jipprovdi t-trattament se jkollu jistaqsi lill-pazjent dwar l-uġigħ tagħhom. Fuq kollox, il-pazjenti spiss ma jkunux jafu x'inhu l-ICD-11 jew x'inhuma l-benefiċċji diretti tiegħu, għalhekk, l-edukazzjoni ssir prijorita' ewlenija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ICD-11. Il-benefiċċji għall-pazjenti jinkludu fost oħrajn, stigma u anzjeta' inqas għall-pazjenti, hekk kif il-kundizzjonijiet huma rikonoxxuti uffiċjalment, kif ukoll għażliet garantiti ta' riferiment u trattament, u ħlasijiet garantiti għal trattamenti minn kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa.

Għalhekk, b'mod ġenerali, billi tirrikonoxxi r-rwol ta' distress u funzjoni emozzjonali fid-definizzjoni tal-uġigħ primarju, l-ICD-11 tirrikonoxxi li diversi fatturi jaffettwaw l-uġigħ u għalhekk tippromwovi valutazzjoni bijopsikosoċjali.

## Evidenza li qed tevolvi

Il-kodifikazzjoni tal-uġigħ fl-ICD-11 għadha fil-bidu u hija mistennija li tevolvi biex tirrifletti l-evidenza tal-uġigħ li qed tevolvi, u r-rispons dwar l-ostakli u dak li se jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mudell f'diversi ambjenti. Per eżempju, xi xjenzati jargumentaw li t-terminu uġigħ noċiplastiku jirkeb fuq l-uġigħ funzjonali. Huma jiddikjaraw li tissepara disturbi newroloġiċi u gastrointestinali , minn uġigħ primarju kroniku, tista' ddgħajjef il-mudell bijopsikosoċjali tal-uġigħ, peress li l-fatturi newroloġiċi u gastrointestinali, huma parti minn uġigħ kroniku primarju[15]. Oħrajn jargumentaw li hemm bżonn ta' aktar evidenza dwar il-fatt li l-uġigħ noċiplastiku għandu mekkaniżmu speċifiku li jista' jkun fil-mira ta' intervent kliniku speċifiku, għall-benefiċċju tal-kura tal-pazjenti. Għalhekk, hemm bżonn li d-definizzjonijiet tal-uġigħ primarju u l-uġigħ noċiplastiku jaqdu lill-ħafna pazjenti li għandhom kundizzjonijiet severi u limitanti u huwa kruċjali biex jiġi garantit li ma' jħossuhomx invalidati b'kodiċijiet bħal dawn.

## 3. 2022 SIP Road Map Monitor

Fl-2022, l-SIP reġa' żar il-monitoraġġ tal-Pjan Direzzjonali tal-SIP (SIP Roadmap) tal-2019 sabiex jifhem kif il-linji gwida nazzjonali, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-istatus tal-politiki li jappoġġaw il-prijoritajiet aġġornati tal-SIP evolvew f'dawn l-aħħar ftit snin, speċjalment fil-kuntest ta' wara l-pandemija. Is-sejbiet ewlenin[17] jinkludu:

- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali speċifiċi għall-uġigħ huma fil-biċċa l-kbira neqsin u għalhekk, il-gvernijiet Ewropej għandhom jitgħallmu minn xulxin.
- Hemm nuqqas ta' prijoritizzazzjoni tal-uġigħ fl-Ewropa. Hija meħtieġa azzjoni biex jintlaħaq l-istandard tad-direttiva u l-klassifikazzjoni tad-WHO f'dawn l-oqsma.
- It-twaqqif ta' reġistri ta' l-uġigħ, il-ġbir ta' dejta soċjoekonomika wiesgħa u l-involviment tal-pazjent fi proġetti ta' riċerka dwar l-uġigħ huma oqsma ewlenin għal titjib.
- Jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi żgurat li jiġi stabbilit approċċ olistiku ffukat fuq il-pazjent għall-adattament tal-postijiet tax-xogħol u r-riintegrazzjoni fil-post tax-xogħol.
- Hemm diskrepanzi kbar madwar l-Ewropa fl-edukazzjoni dwar l-uġigħ, kemm fil-livell undergraduate kif ukoll postgraduate, u nuqqasijiet kbar fl-involviment tal-pazjent fl-iżvilupp ta' għodod edukattivi għall-immaniġġjar tal-uġigħ, li t-tnejn huma oqsma ewlenin għal titjib.

## 4. Eżempji Nazzjonali

| EŻEMPJU MILL- ĠERMANJA |
| --- |
| Il-Soċjetà għall-uġigħ Ġermaniza (German Pain Society), b'kooperazzjoni mal- Federal Institution for Drugs and Medical Devices (BfArM), ilhom jorganizzaw azzjonijiet differenti relatati mal-ICD-11 u l-uġigħ, bħal workshop ta' jumejn, traduzzjoni tal-kodifikazzjoni u d-deskrizzjoni tal-ICD-11, fost l-oħrajn. Esperti fil-qasam iddikjaraw li sabiex tiġi stabbilita l-ICD-11 fil-Ġermanja, trid tiġi ċċekkjata l-faċilità ta' użu b'rabta mal-kodifikazzjoni biex jiġi żgurat li tkun prattika li tintuża fil-kliniki kollha u jiġi żgurat li l-oqsma kollha jkunu rappreżentati kif xieraq (per eżempju t-tfal, il-mard bijopsikosoċjali, eċċ.). |

| EŻEMPJU MINN-NORVEĠJA |
| --- |
| Xi kliniċi tal-uġigħ fin-Norveġja introduċew l-ICD-11 fil-prattika tagħhom, minkejja li din il-kodifikazzjoni għadha mhijiex implimentata fil-pajjiż fuq livell nazzonali. Madankollu, il-bżonn li l-uġigħ jiġi kklassifikat b'mod korrett u ta' min joqgħod fuqu , kien neċessarju. F'każijiet bħal dawn, l-ICD-11 tiġi integrata fir-reġistru elettroniku tal-pazjenti. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa mbagħad jagħżlu l-kodiċi ICD-11 u l-kodiċi ta' estensjoni, li jirriżulta f'lista ssuġġerita ta' dijanjożi fl-ICD-10, li madankollu, fl-aħħar mill-aħħar huwa bbażat fuq l-ICD-11. |

| EŻEMPJU MINN -SPANJA |
| --- |
| Spanja, dan l-aħħar, adottat l-ICD-10. Madankollu, filwaqt li tista' tieħu mill-inqas 5 snin biex Spanja timplimenta bis-sħiħ l-ICD-11, qed isiru studji, bħal studju intitolat "Community Prevalence of Different Types of Pain and Validation of a Unified Screening Questionnaire". L-istudju għandu l-għan li jidentifika l-prevalenza ta' 7 tipi ta' uġigħ fil-komunita' ta' pazjenti li jattendu servizz wieħed tas-saħħa tal-kura primarja u jivvalida kwestjonarju unifikat ta' screening li jippermetti li ssir distinzjoni bejn uġigħ noċiċettiv, newropatiku u noċiplastiku. Ġie ddikjarat li se jkun hemm enfasi fuq l-uġigħ primarju kroniku peress li huwa pperċepit bħala l-aktar kodiċi ġdid importanti. Esperti Spanjoli jenfasizzaw li l-ICD-11 tipprovdi opportunità kbira sabiex jiġi standardizzat il-kodifikar għall-uġigħ kroniku fis-sistemi kollha tal-kura tas-saħħa. |

## Konklużjoni

L-implimentazzjoni tal-ICD-11 hija kruċjali għall-kisba ta' kodifikazzjoni sistematika tat-terminoloġija tas-saħħa madwar l-Ewropa, u tidher partikolarment utli fil-kuntest tal-uġigħ. L-implimentazzjoni tagħha se tikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa li huma komplementari u li jistgħu jappoġġaw lil xulxin, u se tiżgura li l-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-pazjenti jkunu koperti bir-raġun. Barra minn hekk, l-enfasi fuq il-fatt li l-ICD-11 tinkorpora d-dimensjoni bijopsikosoċjali tal-uġigħ hija kruċjali meta tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-ICD-11. Kif jidher fil-eżempji msemmija f'dan id-dokument, kemm meta wieħed iħares minn fuq għal isfel kif ukoll minn isfel għal fuq għall-implimentazzjoni tal-ICD-11, dejjem għandhom ikollhom riżultati ta' suċċess. Rigward il-politika, l-inklużjoni ta' kundizzjonijiet ta' uġigħ kroniku fl-ICD-11 se żżid ir-rikonoxximent tal-uġigħ kroniku bħala problema tas-saħħa u tikkontribwixxi għal aċċess aħjar għal trattament adegwat tal-uġigħ. Barra minn hekk, wieħed jittama li t-titjib kemm fir-rikonoxximent kif ukoll fil-klassifikazzjoni, iwassal għal finanzjament tar-riċerka msaħħaħ u ffukat minn għażla usa' ta' korpi ta' finanzjament, meta jitqies l-impatt mifrux tal- uġigħ kroniku[13].

Barra minn hekk, is-soċjeta' kollha kemm hi se tibbenefika minn dijanjostikar aktar xieraq u standardizzat permezz ta' l-implimentazzjoni ta' l-ICD-11 u, b'mod partikolari, dawk li jew jinsabu f'riskju li jiżviluppaw, jew li diġa' żviluppaw, uġigħ kronika[13].

Fl-aħħar nett, l-aspetti soċjetali għandhom impatt fuq il-prijoritajiet politiċi u l-aġendi ta' riċerka politika. L-identifikazzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka tiffaċilita l-avvanzi fil-ġbir tal-għarfien u tad-dejta, li, min-naħa tagħhom, jista' jkollhom impatt soċjetali pożittiv. Huwa għalhekk li l-implimentazzjoni ta' kodifikazzjoni preċiża tgħin ix-xjenza u l-prattika tal-uġigħ filwaqt li żżomm mal-politika[13].

-- TMIEM —

*L-SIP tibqa 'disponibbli għal aktar diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa diġitali, u l-partijiet ikkonċernati tas-soċjeta ċivili għal kooperazzjoni futura biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet tagħna jiġu implimentati fil-qasam diġitali tas-saħħa u l-uġigħ.*

## Dwar is-SIP

Pjattaforma tal-Impatt Soċjetali tal-Uġigħ (SIP) hija sħubija ta' diversi partijiet interessati mmexxija mill-Federazzjoni Ewropea tal-Uġigħ (EFIC) u l-Pain Alliance Europe (PAE), li għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar l-uġigħ u tibdel il-politiki dwar uġigħ.

Il-pjattaforma tipprovdi opportunitajiet għal diskussjoni għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, il-gruppi tal-appoġġ għal min ibati bl-uġigħ, il-politiċi, minn jipprovdi l-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet tas-saħħa, ir-regolaturi, u dawk responssabbli mill-baġit.

Il-qafas xjentifiku tal-pjattaforma SIP jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-EFIC u d-direzzjoni strateġika tal-proġett hija definita miż-żewġ imsieħba. Il-kumpaniji farmaċewtiċi Grünenthal GmbH u GSK huma l-isponsors ewlenin tal-pjattaforma Societal Impact of Pain (SIP).Kuntatti: Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja:

**Contacts**: Pour plus d'informations, veuillez contacter:

**Ángela Cano Palomares,** Directrice de Projet SIP Europe, à la Fédération Européenne de la Douleur (EFIC) - **angela.palomares@efic.org**

**Emilia Kosińska,** Gestionnaire Association et Projets, PAE - **emilia.kosinska@pae-eu.eu**

## Sorsi


1. Note: data taken from 37 countries, absent in Andorra, Armenia, Azerbaijan, Belarus, Georgia, Iceland, Liechtenstein, Luxembourg, Malta, Monaco, and the Vatican City.
2. Eccleston C, Wells C, Morlion B, editors. European Pain Management. London, England: Oxford University Press; 2017
3. SIP thematic network 2018 - joint statement [Internet]. European Pain Federation. 2022 [cited 2023 Jun 26]. Available from: https://europeanpainfederation.eu/sip/sip-thematic-network-2018-joint-statement/
4. ICD-11 for mortality and morbidity statistics [Internet]. Who.int. [cited 2023 Jun 26]. Available from: https://icd.who.int/browse11/l-m/en#/http%3a%2f%2fid.who.int%2ficd%2fentity%2f1404135736
5. Societal Impact of Pain (SIP). 2021. SIP response to the European Commission's Roadmap for A European Health Data Space. [Internet] Available from: https://www.sip-platform.eu/resources/details/sip-response-to-the-european-commission-s-roadmap-for-a-european-health-data-space.
6. European Commission. 2018. Communication on enabling the digital transformation of health and care in the Digital Single Market; empowering citizens and building a healthier society. [Internet] Available from: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/HTML/?uri=CELEX:52018DC0233&from=EN.
7. Srinivasa R, Daniel C, Cohen B. The revised International Association for the Study of Pain definition of pain: concepts, challenges, and compromises. 2020;1943–4.
8. Bartys S, Frederiksen P, Bendix T, Burton K. System influences on work disability due to low back pain: An international evidence synthesis. Health Policy [Internet]. 2017;121(8):903–12. Available from: http://dx.doi.org/10.1016/j.healthpol.2017.05.011.
9. Icd.who.int. 2021. ICD-11 - ICD-11 for Mortality and Morbidity Statistics. [Internet] Available from: https://icd.who.int/browse11/l-m/en#/http%3a%2f%2fid.who.int%2ficd%2fentity%2f1404135736.
10. Sclerosis MWM, Disc BDH, Pain JLC. Paula Abdul complex regional pain syndrome Chronic pain [Internet]. Medlineplus.gov. [cited 7 May 2023]. Available from: https://magazine.medlineplus.gov/pdf/MLP_Spring_2011.pdf.
11. What is Chronic Primary Pain? [Internet]. European Pain Federation. 2023. Available from: https://europeanpainfederation.eu/what-is-chronic-primary-pain/.
12. International Classification of Diseases (ICD) World Health Organization. World Health Organization [Internet]. Available from: https://www.who.int/standards/classifications/classification-of-diseases.
13. Societal Impact of Pain (SIP), Barke A, Cano Palomares A, Cameron P, Forget P, Ryan D, et al. Why do we need to implement the ICD-11? When pain science and practice meet policies. Eur J Pain [Internet]. 2022;26(9):2003–5. Available from: http://dx.doi.org/10.1002/ejp.2015
14. Hausteiner-Wiehle C, Henningsen P. Nociplastic pain is functional pain. Lancet [Internet]. 2022;399(10335):1603–4. Available from: http://dx.doi.org/10.1016/S0140-6736(21)02500-9.
15. Hoegh M, Schmid AB, Hansson P, Finnerup NB. Not being able to measure what is important, does not make things we can measure important. Pain [Internet]. 2022;163(8):e963. Available from: http://dx.doi.org/10.1097/j.pain.0000000000002662.
16. SIP Platform (2022) The results of the SIP road map monitor 2022 are now available!, Societal Impact of Pain (SIP). SIP Platform [Internet]. Available from: https://www.sip-platform.eu/resources/details/the-results-of-the-sip-road-map-monitor-2022-are-now-available.